MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 660/1997/1

**Saviour Farrugia**

**Vs**

**Accountant General**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. Illi permezz ta' ufficjali prezentata f'dina l-Onorabbli Qorti fis-sitta (6) ta' Frar, 1997, l-intimat Accountant General ghan-nom tal-Gvern ta' Malta innotifika lir-rikorrenti b'dikjarazzjoni guramentata annessa ma' interpellazzjoni ghall-hlas ta' elf Lira Maltija (Lm1,000) li jinghad li hija dovuta lill-intimat bhala Taxxa fuq l-Infiq (Expenditure Levy) skond somma stmata b'decizjoni numru 5/94/R ta' l-Expenditure Levy Board moghtija fit-tletin (30) ta' Dicembru 1996.

2. Illi ai termini ta’ l-Aritkolu 466 tal-Kap. 12, it-talba ta’ l-intimat Accountant General ghan-nom tal-Gvern ta’ Malta hija nfondata ghar-ragunijiet segwenti:-

(i) Id-dikjarazzjoni guramentata hija nulla u bla effett stante li ma gietx mehuda u ffirmata mill-Kap tad-Dipartiment koncernat.

(ii) Id-dikjarazzjoni guramentata hija nulla u bla effett anke ghaliex id-debitur imsemmi fiha mhux ir-rikorrenti izda “Saviour Farrugia nomine”.

(iii) Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Gvern ta’ Malta, li ghan-nom tieghu l-intimat qed jagixxi, huwa debitur lejn ir-rikorrenti fis-somma ta’ elfejn tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltija u tmien centezmi (Lm2328.08) Taxxa fuq l-Valur Mizjud (Value Added Tax) skond l-statement ufficjali anness mal-avviz mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mmarkat “Dokument A” u dan ai termini ta’ l-Artikolu 26 ta’ L-att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema somma hija certa, likwida u dovuta skond l-Artikolu 16 ta’ l-istess Att fl-erbatax (14) ta’ Frar 1997, u li ghandha tigi pacuta mas-somma mitluba mill-intimat, oltre l-interessi ta’ wiehed fil-mija (1%) fix-xahar skond l-Artikolu 22(2) ta’ l-istess Att.

3. Talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi t-talba ta’ l-intimat hijha nfondata.

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 8 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-ittra ufficjali pprezentata mill-esponenti fis-sitta (6) ta’ Frar 1997 b’dikjarazzjoni guramentata maghha, fejn l-intimat Saviour Farrugia gie interpellat ihallas elf lira bhal Taxxa fuq l-Infiq, hija valida ghar-ragunijiet segwenti;

2. Illi mhux minnu illi ai termini ta’ l-artikolu 466 tal-Kap. 12, it-talba kif redatta mill-esponenti hija nulla u bla effett peress illi “ma gietx mehuda u ffirmata mill-Kap tad-Dipartiment koncernat”. Il-kap tad-Dipartiment tat-Taxxa

fuq l-Infiq huwa l-Accountant General, u anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument ma kienx, skond l-artikolu 181B tal-kap 12, (1) il-proviso tghid car u tond illi:

Provided that, without prejudice to the provisions of this section –

(a) actions for the collection of amount due to Government may in all cases be instituted by the Accountant General;

3. Illi l-ligi mkien ma ssemmi fl-artikolu 466 illi d-dikjarazzjoni ghandha tkun iffirmata mill-Kap tad-Dipartiment ikkoncernat! Ubi lex voluit, dixit, u l-ligi ma qalet xejn f'dan ir-rigward ghalhekk il-kontenzjoni tar-rikorrenti mhix attendibbli.

4. Illi r-rikorrent irrimarka illi d-dikjarazzjoni guramentata hija nulla u bla effett ghaliex id-debitur imsemmi fiha mhux ir-rikorrent izda "Saviour Farrugia nomine". Din l-allegazzjoni ukoll mhux attendibbli. L-occhio ta' l-Appell Nru 5/94/R fuq imsemmi jaqra precisament hekk:

Saviour Farrugia
ghan-nom ta' "Kingfisher Restaurant".

5. Illi fl-asserzjoni 2 (iii) tieghu r-rikorrenti hu ftit simplistiku fir-ragunar tieghu fejn iddikjara illi l-Gvern ta' Malta hu debitur tieghu fis-somma ta' elfejn tliet mija u tmienja u ghoxrin lira maltija u tmien centezmu (Lm2328.08) bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud. L-ewwelnett, l-azzjoni ghar-rikavar tad-dejn in kwistjoni ammontanti ghal Lm1000 mill-Accountant General bhala taxxa fuq l-Infiq li saret finali skond id-decizjoni ta' l-Appell tal-Bord tat-Taxxa fuq l-Infiq nru 5/94/R, hija azzjoni ndipendenti ghal kollox minn, u ma ghandha l-ebda relazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT, ghalkemm l-istess huwa ukoll Dipartiment Governattiv. Huma Dipartimenti distinti minn xulxin u jahdmu taht ligijiet differenti. Fil-fatt it-Taxxa fuq l-Infiq tahdem skond l-Att XXII ta' l-1990 u m'ghandhiex inkorporat fiha azzjoni esekuttiva ghall-gbir tat-taxxa filwaqt illi it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fiha inkorporat

mekkanizmu li jrendi l-ammont ta’ taxxa dovut rekuperabbli skond proceduri specifikati mill-ligi.

Inoltre l-asserzjoni tar-rikorrenti mhix attendibbli ukoll stante che l-ammont ta‘ elfejn tliet mija tmienja u ghoxrin lira li qieghed jallega li hu dovut lilu bhala “Kreditu” mid-Dipartiment tal-VAT mhux somma li hija vera, certa, likwida u dovuta peress illi ghadha mhix likwidata (apparti li si tratta ma ‘Dipartiment differenti) u ghaldaqstant mhix pagabbli ghal-finijiet tat-Taxxa fuq I-Valur Mizjud.

6. Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti Accountant General jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li t-talba tieghu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ir-rikors ghandu jigi michud fil-konfront tieghu.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi r-rikors in esami, intavolat u propost skond l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijet ta’ Malta, kien gie presentat fit-2 ta’ April 1997.

Illi mill-verbali tas-seduti li inzammu, mill-imsemmija data sallum, ir-rikorrenti ma gab <u>ebda prova</u>, a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, sabiex jsostni dak allegat minnu fl-istess rikors. Difatti kif jirrisulta a fol 21 tal-istess atti, is-smiegh tal-istess rikors kien gie differit “sine die” minhabba r-raguni li ghadha kemm giet premessa.

Sussegwentament, kif jidher a fol 22 tal-atti, fuq talba tal-istess rikorrenti, is-smiegh tar-rikors rega’ gie appuntat izda, xorta wahda, ir-rikorrenti ma pproduca ebda prova in sostenn tal-istess rikors u dak premess u mitlub fih. (ara, fost ohrajn, il-verbali a fol 26 a fol 29 u a fol 30 ibid).

Ghalhekk wasal il-waqt li tittiehed id-decizjoni vis-à-vis l-istess rikors billi jinghad li dak allegat fir-rikors in esami ma giex pruvat.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------